# QORTI ĊIVILI PRIM’AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

### Seduta ta’ nhar il-Ħamis, 16 ta’ Settembru, 2021

**Numru 5**

**Rikors Numru 339/20TA**

**I Can Limited (C-68790)**

**vs**

**World Entertainment Company S.r.l**
**(Kodiċi Fiskali 03463781207)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta’ I Can Limited (is-Soċjeta’ Attriċi) tal-25 ta’ Mejju 2020 li permezz tiegħu ippremettiet u talbet is-segwenti:

“1. Illi fuq inkarigu tas-soċjeta` konvenuta, s-soċjeta` attriċi forniet servizzi u kriet apparat sabiex jittella l-ispettaklu Radio Italia li ġie organizzat u mtellgħa mis-soċjeta` konvenuta nhar l-4 t’Ottubru, 2019, fil-Fosos tal-Floriana f’Malta;

2. Illi l-prezz pattwit bejn il-partijiet kien fis-somma komplessiva ta’ Euro 40,795.16 konsistenti f’apparat relatat ma *generators* (ara fattura u *statement* annessi u mmarkati bħala Dok A u B rispettivament);

3. Illi s-soċjeta` konvenuta baqgħet ma ħallsitx is-somma ta' Euro 40,795.16 dovuta lis-soċjeta` attriċi u dan minkejja li ġiet interpellata diversi drabi sabiex tagħmel dan;

4. Illi għaldaqstant is-soċjeta` konvenuta hija debitriċi tas-soċjeta` attriċi fl-ammont ta' €40,795.16 oltre l-imgħax legali dekorribbli skond il-liġi;

5. Illi fil-fehma tas-soċjeta` rikorrenti, s-soċjeta` konvenuta m'għandha l-ebda eċċezzjoni x'tissolleva kontra t-talbiet ta' l-istess soċjeta` rikorrenti;

6. Illi s-Sur Keith Chetcuti għan-nom tas-soċjeta` rikorrenti jaf personalment b'dawn il-fatti kollha.

Tgħid għalhekk is-soċjeta` konvenuta għaliex dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex tiddeċiedi billi:-

1. Tiddikjara u tiddeċiedi li s-soċjeta` konvenuta hija debitriċi tas-soċjeta` attriċi fl-ammont ta' €40,795.16.

2. Tordna lis-soċjeta` konvenuta tħallas lis-soċjeta` attriċi s-somma ta' €40,795.16.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali dekorribli mid-data tal-fattura skond il-Liġi kontra s-soċjeta` konvenuta li hija minn issa nġunta in subizzjoni."

Rat li s-Soċjeta' konvenuta notifikata bir-regolament baqgħet ma għamlet ebda risposta;

Rat l-atti u dokumenti kollha;

Semgħet lil Antoine Busuttil prodott mis-Soċjeta' Attriċi jixhed fis-seduta tal-15 ta' Lulju 2021;

Rat li s-Soċjeta konvenuta baqgħet ma għamlitx nota ta' sottomissjonijiet ai termini tal-artikolu 158(10) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta;

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Konsiderazzjonijiet**

Jirrisulta li s-Soċjeta' konvenuta baqgħet kontumaċi. Iżda dan ma jfissirx b'daqshekk li din il-Qorti għandha tilqa' it-talbiet attriċi b'għamad. Il-Qrati tagħna dejjem ammettew li l-kontumaċja fiha nnifisha hija kontestazzjoni. **Il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fis-Sentenza fl-ismijiet Fenici Insurance Agency Ltd noe -vs- Paul Stoner et** qalet: *"Del resto, kif bosta drabi rimarkat, il-kontumacja wahidha ma kellhiex titqies bhala ammissjoni tat-talba tal-attur da parti tal-konvenut izda kontestazzjoni tal-istess. Gie rilevat fid-decizjoni a Vol XXIX pIII p35 illi "ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci dana ma jfissirx illi huwa abbanduna kull eccezzjoni li seta' jaghti fil-kawza u ammetta d-domandi. Il-gudikant ghandu jezamina jekk it-talba hiex gustifikata indipendentement mill-kontumacja tal-konvenuti".*

Indipendentement mill-fatt li l-konvenut jaqa' fi stat ta' kontumaċja, dan ma jiddispensax lill-Attur mill-piż tal-prova. Jibqgħu japplikaw il-prinċipji kollha probatorji daqs li kieku l-Kawża tkun ġiet kontestata skont il-liġi b'risposta ġuramentata. Il-Kontumaċja ma hiex ammissjoni.

B'dana kollu wara li din il-Qorti eżaminat l-atti kollha u sabet li s-Soċjeta' Attriċi irnexxielha tipprova li tassew għandha tieħu mingħand is-Soċjeta' konvenuta l-ammont li qed tirriklama. Is-Soċjeta' Attriċi irnexxielha tissodisfa l-elementi kollha legali tal-azzjoni minnha esperita.

**Decide**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa' l-ewwel talba** u tiddikjara li s-Soċjeta` konvenuta hija debitriċi tas-soċjeta` Attriċi fl-ammont ta' erbgħin elf sebgħa mija ħamsa u disgħin ewro u sittax-il ċenteżmu tal-ewro (€40,795.16);

**Tilqa' t-tieni talba** u tikkundnna lis-Soċjeta' konvenuta tħallas lis-Soċjeta' Attriċi l-ammont imsemmi ta' erbgħin elf sebgħa mija ħamsa u disgħin ewro u sittax-il ċenteżmu tal-ewro (€40,795.16) bl-imgħaxijiet legali mill-25 ta' Mejju 2020 sal-pagament effettiv.

Spejjes tal-Kawża a' karigu tas-Soċjeta' konvenuta.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**